# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2008

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ____________

**Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet.**

**Taqsima A** **(30 marka)**

1. Għid għaliex ir-reliġjon hi importanti daqskemm huwa importanti pedament għall-bini ta' dar.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

2. F'liema ktieb tal-Bibbja nsibu r-rakkont tal-ħruġ tal-poplu t'Alla mill-Eġittu?

__________________________________________________________ (2)



3. X'irridu nfissru meta ngħidu li l-Knisja hija 'waħda'?

__________________________________________________________

__________________________________________________________ (4)

4. Ta' x'hiex kienu simboli dawn l-espressjonijiet li nsibu fir-rakkont tal-ħolqien:

   (a) "is-siġra tal-ħajja"

______________________________________________________________________ (2)

   (b) "is-serp"

______________________________________________________________________ (2)

5. Xi tfisser il-kelma 'Torah'?

______________________________________________________________________ (2)

6. Min kien l-Appostlu li f'waħda mid-dehriet ta' Ġesù wara l-qawmien tiegħu stqarru bħala "Mulej tiegħi u Alla tiegħi"?

______________________________________________________________________ (2)

7. X'jiġri fis-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni?

______________________________________________________________________ (4)

8. Għid għaliex insejħu l-Ħadd 'Jum il-Mulej'?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2)

9. F'liema parabbola nitgħallmu xi ħniena kbira għandu Alla għall-midneb li jiddispjaċih minn dnubietu?

______________________________________________________________________ (2)

10. Semmi **tliet** kwalitajiet umani li l-aktar jolqtuk fil-persuna ta' Ġesù.

i. ______________________________________________________________

ii. ______________________________________________________________

iii. ______________________________________________________________ (3)

11. Fisser kif San Pawl ixebbah 'il-Knisja ma' ġisem ħaj.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

**Taqsima B** **(5 x 2 = 10 marki)**

**Fisser dawn is-sentenzi mill-Bibbja.**



1. "…u ntebħu li kienu għarwiena, ħietu weraq tat-tin u għamlu iħżma". *(Ġen 3, 7)*

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. "Il-mara li inti tajtni għal miegħi, hi tatni mis-siġra u jiena kilt". *(Ġen 3, 12)*

______________________________________________

______________________________________________________________________

3. "Xewk u għollieq tnibbitlek … Bil-għaraq ta' ġbinek tiekol ħobżok…" *(Ġen 3, 18-19)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. "Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed". *(Ġen 2, 24)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

5. "Ara issa l-bniedem sar bħal wieħed minna, jagħraf it-tajjeb u l-ħażin". *(Ġen 3, 22)*

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**Taqsima Ċ** **(10 x 2 = 20 marka)**

**Aqra din is-silta u wieġeb.**



Mosè tela' ħdejn Alla, u l-Mulej sejjaħlu mill-muntanja u qallu: "Dan għid lil dar Ġakobb: Rajtu intom x'għamilt lill-Eġizzjani, u kif lilkom ġarrejtkom fuq il-ġwienaħ ta' l-ajkli u ressaqtkom lejja. Issa, jekk tisimgħu leħni, u żżommu l-patt tiegħi, intom tkunu l-wirt tiegħi minn fost il-popli kollha, għax l-art kollha tiegħi. Intom tkunu għalija saltna ta' qassisin u ġens qaddis. Dan hu l-kliem li tgħid lil ulied Israel." *(Eż. 19,1-6)*

1. Minn liema ktieb tal-Bibbja hija meħuda din is-silta?

______________________________________________

2. X'jisimha l-muntanja li fuqha seħħ dan il-Patt?

______________________________________________

3. X'wieġeb il-poplu lil Mosè meta poġġielhom quddiemhom il-kliem ta' Alla?

______________________________________________

______________________________________________

4. X'ta Alla lill-poplu minn fuq din il-muntanja?

______________________________________________

5. X'għamel Mosè bid-demm tas-sagrifiċċji meta qal: "Dan hu d-demm tal-Patt li hu għamel magħkom"?

______________________________________________

______________________________________________

6. Semmi **tnejn** mill-għeġubijiet li Alla għamel permezz ta' Mosè?

   i. ______________________________________________

   ii. ______________________________________________

7. Semmi eżempju li juri li l-poplu Lhudi mhux dejjem kien leali lejn Alla.

______________________________________________

______________________________________________

8. Kif intrabat Alla permezz ta' dan il-Patt?

______________________________________________

______________________________________________

9. X'rabta hemm bejn Mosè u Ġesù?

______________________________________________

______________________________________________

10. Kif ixxebbah lill-poplu Lhudi fid-deżert miegħek innifsek?

______________________________________________

______________________________________________

**Taqsima D** **(40 marka)**

Wieġeb fit-tul **żewġ** mistoqsijiet mill-erba' mistoqsijiet li ġejjin.

1. Ġesù xebbah il-Knisja tiegħu ma':
   (i) għalqa fejn mal-qamħ kibret ukoll is-sikrana;
   (ii) żerriegħa tal-mustarda;
   (iii) xibka tal-ħut.

   (a) Ikteb dwar **tnejn** minn dawn it-tliet parabboli. (8 marki)

   (b) X'ried jgħallem Ġesù bil-parabboli li inti għażilt? (8 marki)

   (ċ) Fisser kif it-tagħlim ta' Ġesù, li ried jagħti b'dawn il-parabboli, għadu jgħodd għall-Knisja llum. (4 marki)

2. "Dan hu Ġismi li jingħata għalikom: agħmlu dan b'tifkira tiegħi."

   (a) Ikteb il-ġrajja ta' meta Ġesù għamel l-aħħar ikla ma' l-appostli tiegħu. (6 marki)

   (b) X'fehem Ġesù meta lill-appostli tiegħu qalilhom, "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi"? (6 marki)

   (ċ) Il-Quddiesa hi magħmula minn żewġ taqsimiet ewlenija: il-Liturġija tal-Kelma u l-Liturġija ta' l-Ewkaristija. Ikteb dak li taf fuq dawn iż-żewġ taqsimiet. (8 marki)

3. "Li kieku dan ma kienx ġej mingħand Alla, xejn ma kien ikollu ħila jagħmel."
   *(Ġw 9, 32-33)*

   (a) Ikteb **żewġ** ġrajjiet mill-ħajja ta' Ġesù li l-aktar jikkonvinċuk li Ġesù hu Alla. (8 marki)

   (b) X'deċiżjoni qed jistenna Ġesù minna ż-żgħażagħ? (6 marki)

   (ċ) Għaliex din id-deċiżjoni hija deċiżjoni importanti għall-eternità? (6 marki)

4. "Jien hu l-Mulej Alla tiegħek li ħriġtek mill-art ta' l-Eġittu, minn dar il-jasar."

   (a) Ikteb kif Alla mexxa l-poplu tiegħu biex jikseb il-libertà u d-dinjità. (8 marki)

   (b) Fisser kif il-kmandamenti jagħtuna l-veru libertà. (6 marki)

   (ċ) Int bħala żagħżugħ/a, xi trid tagħmel biex tkun verament fidil/a lejn Alla? Agħti **żewġ** eżempji prattiċi. (6 marki)